# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 76

Il-Ħamis, 31 ta' Jannar, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**76.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-75 u Laqgħa Pubblika.

**76.2.01** Il-minuti tal-laqgħat numru 75 u laqgħa pubblika kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**76.3.01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ikkonfermaw li l-karozzi tal-Car Sharing Services Malta huma karozzi tal-*electric*.

**76.3.02** Il-Kunsill irċieva kopja tal-ftehim iffirmat dwar il-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme*. Saret laqgħa ukoll mal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tal-Għasri. Kien hemm preżenti wkoll s-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, General Manager u Supervisor tal-ħaddiema. Il-ħaddiema qed jagħmlu xogħol ta' tindif tat-toroq kif ukoll xogħol ieħor li jkun hemm bżonn.

**76.3.03** *Cir AKL 2019/009 Proposed Charging Pillar Locations.* Il-Kunsill ġie nformat li ser tiġi nstallata *charging pillar* għall-karrozzi tal-electric. Din tista tiġi użata minn kull min għandu karrozza tal-electric.

**76.3.04** *Rapport minn Transport Malta.* Il-Kunsill irċieva rapport minn Transport Malta dwar applikazzjoni tar-Reserved Parking Bay fi Triq ta' Għammar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

**76.3.05** *Cir AKL 2019/006 Sessjonijiet ta' taħrig għall-Fire Wardens u kors Bażiku ta' First Aid.* Rekwiżit tal-Awtorita tisħaq li jkun hemm t-taħrig li jinghata li ħaddiem mill-Kunsill Lokali fil-każ li jkun hemm bżonn tal-ewwel għajnuna fuq il-post tax-xogħol.

**76.3.06** *Gozo Action Group.* Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Action Group dwar applikazzjonijiet taħt il-Miżura tal-GAG. Sabiex tipparteċipa f'dan il-programm trid tħallas il-miżura ta' €500 fis-sena. Barra hekk din is-sena biex tapplika trid tkun bis-sħab ma NGO. Il-Kunsilliera ma qablux li din il-miżura titħallas speċjalment meta fil-lokalita' tal-Ghasri m'hemmx NGO's.

**76.3.07** *African Legacy International.* Is-summit li kellu jsir bejn il-5 u 7 ta' Marzu ġie pospost għat 3-5 ta' April. Il-Kunsill qed jgħin biex joħorġu il-VISA's għal persuni ġejjin minn Nigeria.

**76.3.08** *Ħatra ta' Direttur –Designate.* Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand id-Direttur General (Gvern Lokali) fejn ġie nformat li mill-1 ta' April 2019 ser ikun hemm Direttur ġdid (Gvern Lokali – Monitoraġġ u sapport). Dan ser ikun is-Sur Christopher Galea.

**76.3.09** *Ċirkulari Numru 1/2019 – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-President tar-Reġjuni u s-Sindki.*

**76.3.10** *Ċirkulari Numru 2/2019* Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018.

**76.3.11** *DG/K/02/2019 – Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali.* Il-Kunsill huwa obbligat li jkollu Data Protection Officr li ma jistax ikun is-Segretarju Eżekuttiv. L-isem tal-persuna maħtur bħala DPO iridu jigi sottomess sal-aħħar ta' Jannar lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data u lid-Direttur Generali. F'nuqqas ta' dan il-Kunsill li jista' jeħel penali sa' €25,000. Bħala soluzzjoni temporanja l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL 2019/10) offra li s-servizz mingħajr ħlas ta' DPO tal-AKL. Dan ġie offrut lill-Kunsilli żgħar li għandhom nuqqas ta' staff. Is-Segretarja Eżekuttiva tal-Kunsill ħatret lil dan il-persuna sakemm din tiġi solvuta.

**76.3.12** Il-Kunsill applika u rċieva konferma tal-applikazzjonijiet mnedija mill-Ministeru għal Għawdex tal-Għajnuna għal Attivitajiet Kulturali u Restoration Works Scheme for Gozitan Local Concils 2019.

**76.3.13** Is-Sindku talab sabiex jinbena ħajt quddiem id-dar fi Triq il-Gonna. Semma ukoll il-bżonn ta manutenzjoni fuq tappiera fi Triq Wied Sara. Dawn ix-xogħolijiet ġew approvati.

## 76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

**76.4.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex titranġa r-rampa ta quddiem dar fi Triq il-Fanal peress li minn meta saret it-triq il-qiegħ tal-karozza qeda tolqot ir-rampa. Is-Sindku qal jekk hemm bżonn naħtru lil-perit biex jara x'irid jsir.

**76.4.02** Il-Kunsill irċieva lment dwar l-stat tat-Triq il-Knisja quddiem il-blokka "ta' Ħgiri". Din diġa tranġat bil-konkos iżda peress li hemm kostruzzjoni għaddej faċċatta ta' din il-binja qed isir il-ħsara. Is-Segretarja nformat lis-sid tal-propjeta l-ġdida dwar il-ħsarat li qed jsir minħabba l-vetturi kbar tagħhom u qaltlu biex jirranġa temporanjament sakemm ikun lest il-bini. Wara jkun jista jsir tiswija sew.

## 76.5 Aġġornament tax-xogħolijiet kapitali:

**76.5.01** *Restawr tan-Niċċa.* Ix-xogħol ta'restawr tan-niċċa huwa lest. Il-Kunsill qed jistenna l-"compliance" mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-perit ikun jista jlesti ċ-ċertifikazzjoni sabiex jitħallas l-kuntrattur. Wara l-Kunsill jieħu fondi ta' €10,000 mingħand il-Ministeru għal Għawdex. Għandha ssir press conference u inawgurazzjoni mill-Ministru għal Għawdex matul ix-xaħar ta' Frar.

**76.5.02** *Toroq –Measure 4.3* Ix-xogħol ta' kisi tal-wiċċ tat-toroq Wied il-Għasri u Gonna huma lesti. Ġie nnotat li fil-kantuniera ta' Triq il-Gonna ma' Triq Wied il-Ghasri

hemm bżonn li jinbena u jissaqqaf parti mill-wied biex jitneħħa l-periklu (għax bħal issa hemm ħajt li jinsab f'nofs tat-triq il-Gonna. Il-kuntrattur tagħna ġab stima għal dan ix-xogħol. Din hija ta' €3,000 li tinkludu taħmil, dumping, bini , armar u twittija tal-konkos. Il-Kunsilliera approvaw li jsir dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qed jistenna l-kontijiet u ċertifikazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex jibda l-proċess ta' vetting mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Managing Authority u l-ARPA.

**76.5.03** *Toroq fil-Lokalita' Tiegħek.* Ix-xogħol fi Triq San Pupulju, Trejqet id-Dehra u Triq Dun Guzepp Cassar għadu għaddej. Ser ikun hemm bżonn li titbaxxa Triq id-Dehra sabiex l-ilma tax-xita jaqleb il-barra. Minħabba hekk waħda mir-residenzi ser ikollha titbaxxa peress li din hija f'livell għoli u hemm tarġa fit-triq diġa. Wisa għal żewġ turġien m'hemmx għaliex it-triq hija dejqa. Ghalhekk il-Kunsilliera approvaw li l-Kunsill jagħmel dak li hemm bżon sabiex din ir-residenza ikollha aċċess. Dan jinvolvi tbaxxija tal-bitha nterna, konkos, bieb ta' barra ġdid u tarġa ġdida fuq barra.

Ix-xogħol fi Triq it-Tamar/parti minn Triq il-Fanal beda. Il-Kunsill għandu jiġbor stima għax-xogħol ta twessiegħ tal-kantuniera ta' Triq it-Tamar ma' Triq il-Fanal. Il-Kunsill approva ukoll li t-tarmac jsir sal-garaxx tal-gvern li jinsab fi Triq il-Fanal.

**76.5.04** *Estenzjoni tal-Librerija.* Ix-xogħol beda iżda minħabba l-maltemp dan ix-xogħol miexi bil-mod. Is-Segretarja Eżekuttiva ġabret kwotazzjonijiet għax-xkaffar. Il-Kunsilliera għażlu lix-xkaffar tal-ħadid peress li dan kien l-aktar wieħed vantaġjuż u bil-qisien li għandu bżonn il-Kunsill.

## 76.6 Rapporti.

**76.6.01** *Rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta ta' Perit/Contract Manager mal-Kunsill.* Il-bord ta' evalwazzjoni rrakkomanda li din l-offerta ma tingħatax peress li waħda mill-offerti mhux ċara u xorta ma ġietx iċċarata meta intalbet kjarifika. Il-Kunsill għandu jerġa joħroġ din is-sejħa.

**76.6.02** *Budget 2019.* Approvazzjoni tal–*Annual Budget 2019.* Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 76.7 Xiri ta' trakk għall-Kunsill.

**76.7.01** Kif ġie deċiż fl-laqgħa preċedenti ill-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għall-trakk għall-Kunsill. Il-Kunsill għażel trakk tat-tip Mitsubishi L200 bil-prezz ta' €4,900. Dan ġie spezzjonat minn mekkanik. Il-Kunsilliera awtorizzaw lis-Segretarju Eżekuttiv biex jidħer f'isem il-Kunsill għax xiri ta' dan it-trakk. B'hekk it-trakk ser ikun reġistrat fuq isem is-Segretarju f'isem il-Kunsill. Ġie deċiż ukoll li ċ-ċavetta tat-trakk għandha tinżamm il-Kunsill u l-ħaddiema għandhom jiffirmaw fuq registru isimhom kull meta jkunu ser jużaw it-trakk u jiktbu il-ħin (min hin sa x'hin) jkun għandhom.

## 76.8 Żvilupp fi Triq it-Tamar.

**76.8.01** Fuq talba tal-Kunsill saret laqgħa ma' uffiċċjali tal-Planning Control fi ħdan il-Planning Authority dwar l-applikazzjoni PC/00114/18 (Site at Ta' Lehfar, Triq it-Tamar, Ghasri – to include land within development zone). L-uffiċċjali spjegaw kif din l-art mhux suppost tidħol fiż-żona ta' żvilupp mingħajr li jkun hemm tibdil fil-"Local Plan" u dan irid jgħaddi milll-Parlament. Huma qalu li ser jirrakkomandaw li din l-applikazzjoni tigi rifjutatha. Il-Kunsilliera qablu li tintbaghat ittra ta' oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni fuq il-bażi li din l-area hija ODZ (outside development zone) u mhux post ta' żvilupp. Il-Kunsill għandu jinkariga lil-avukat u perit sabiex tiġi ddraftjata l-ittra.

## 76.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti.

**76.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-076 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentatha ġiet aċċettatha mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 76.10 Mozzjonijiet.

**75.10.01** Ara paragrafu 76.7

## 76.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**76.11.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar it-Tnejn 18 ta' Frar fis-7:00 p.m.

Konfermati, il-Ħamis 31 ta' Jannar 2019

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv